**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 712/2023**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Kevin Camilleri**

**Illum 24 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Kevin Camilleri**, iben Joseph u Esther neè Falzon, imwieled il-Pietà fil-5 ta' Awwissu 1982, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 422582(M), talli b'diversi atti magħmulin minnu stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u cioè talli fl-10 ta' Settembru 2023 bejn 07:00 ta' filgħodu u t-3:00 ta' waranofsinhar fi Triq il-Karmnu Sliema:

1. Ikkommetta serq ta' kaxxa ta' mutur, *credit/debit cards* u/jew oġġetti oħra minn fuq mutur bin-Numru tar-Reġistrazzjoni EBR-551, liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont jeċċedi s-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Aroa Hernandez, Federico Rella u/jew persuna/i oħra;

2. Ikkommetta serq ta' għoddod u/jew oġġetti oħra minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBA-695, liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont jeċċedi s-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Michael Aquilina u/jew persuna/i oħra;

Ukoll talli fil-11 ta' Settembru 2023 bejn 08:10 ta' filgħaxija u 08:25 ta' filgħaxija, fTriq il-Lunzjata, Sliema:

3. Bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, u cioè serq minn ġewwa vettura bin-Numru tar-Reġistrazzjoni LDC-261, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq ikkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Lara Mae Debono u/jew persuna/i oħra.

Rat illi l-Prosekuzzjoni taddebita lill-imputat r-reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti a fol. 3 sa' 23 tal-proċess, inkluż il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[1];

Rat illi l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu;

Semgħet ix-xhieda ta' PS2251 Sally Anne Felice mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Settembru 2023[2] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "SF1" u Dok. "SF2" a fol. 34 sa' 45 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Jonathan Ransley mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JRW1" sa' Dok. "JRW3" a fol. 51 sa' 53 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Christina Delia[4] u ta' Michael Aquilina[5] mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2023 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Christina Delia markati Dok. "CD1" sa' Dok. "CD4" a fol. 60 sa' 63 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Aroa Hernandez mogħtija waqt is-seduti tat-30 ta' Ottubru 2023[6] u tad-9 ta' Frar 2024[7] u x-xhieda ta' Esther Camilleri[8] u ta' Romina Mayers[9] mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2024, semgħet ix-xhieda ta' CO204 Justin Ellul mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' April 2024[10] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JE" a fol. 88C sa' 103 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Sandra Abela Aloisio mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' April 2024[11] u x-xhieda ta' Kimberly Vella mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2024[12];

[1] Fol. 23 tal-proċess.

[2] Fol. 32 u 33 tal-proċess.

[3] Fol. 47 sa' 50 tal-proċess.

[4] Fol. 59 tal-proċess.

[5] Fol. 66 u 67 tal-proċess.

[6] Fol. 64 u 65 tal-proċess.

[7] Fol. 75 sa' 77 tal-proċess.

[8] Fol. 79 sa' 81 tal-proċess.

[9] Fol. 82 sa' 86 tal-proċess.

[10] Fol. 88A u 88B tal-proċess.

[11] Fol. 105 sa' 109 tal-proċess.

[12] Fol. 111 sa' 117 tal-proċess.

Rat id-Digriet datat 19 ta' Settembru 2024[13] permezz ta' liema t-talba ta' l-imputat a bażi ta' l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet miċħuda;

Rat li fis-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2024[14] l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli b'diversi atti magħmulin minnu stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u cioè talli fl-10 ta' Settembru 2023 bejn 07:00 ta' filgħodu u it-3:00 ta' waranofsinhar fi Triq il-Karmnu Sliema: (1) Ikkommetta serq ta' kaxxa ta' mutur, *credit/debit cards* u/jew oġġetti oħra minn fuq mutur bin-Numru tar-Reġistrazzjoni EBR-551, liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont jeċċedi s-somma ta' €232.94 iżda li ma jeċċedix €2,329.37, għad-detriment ta' Aroa Hernandez, Federico Rella u/jew persuna/i oħra; (2) Ikkommetta serq ta' għoddod u/jew oġġetti oħra minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBA-695, liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont jeċċedi s-somma ta' €232.94 iżda li ma jeċċedix €2,329.37, għad-detriment ta' Michael Aquilina u/jew persuna/i oħra; Ukoll talli fil-11 ta' Settembru 2023 bejn 08:10 ta' filgħaxija u 08:25 ta' filgħaxija, fTriq il-Lunzjata, Sliema: (3) Bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, u cioè serq minn ġewwa vettura bin-Numru tar-Reġistrazzjoni LDC-261, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq ikkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Lara Mae Debono u/jew persuna/i oħra. Il-Prosekuzzjoni qed taddebita lill-imputat r-reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm għall-ewwel l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2024 huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih. Fid-dawl ta' tali ammissjoni, u anke fid-dawl tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti tqis li għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu storja twila ta' abbuż ta' droga.

---

[13] Fol. 129 sa' 132 tal-proċess.

[14] Vide verbal a fol. 133 tal-proċess.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1), 281(a)(b) u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess u anke a bażi tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u ssib ukoll li huwa reċidiv, u tikkundannah għall-perijodu ta' sitta u għoxrin (26) xahar priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' priġunerija effettiva hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas dak iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Peress illi fil-kors tal-proċeduri ħareġ illi l-imputat għandu storja twila ta' abbuż ta' droga, il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-perijodu ta' ħames (5) snin u taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll tad-Digriet ta' Ordni ta' Trattament.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**